MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 1094/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Jonathan Abela**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jonathan Abela ta’ 23 sena, bin Philip u Josette mitwielda Gatt, imwieled Pieta’ (Malta) nhar id-19 ta’ Novembru, 1985 u residenti Nru. 29, Triq San Girgor, Pieta’ u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0570685(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-10 ta’ Novembru, 2007 ghall-habta tas-01.25 a.m. waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LEE 156 tal-ghamla Toyota Vitz fi Triq l-Wied tal-Imsida, Birkirkara u f’ inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin;

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Danica Azzopardi li ghandha numru tal-identita’ 0279087(M) u dan skond kif iccertifikat Dr. Moira Grech M.D. (Reg. No. 2565) tal-Isptar San Luqa.
2. Saq b’ manjiera traskurata, bla kont u perikoluz,
3. Saq l-istess vettura b’ velocita’ eccessiva.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’ kaz ta’ htija, tiskwalifika lill imsemmi Jonathan Abela milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-6 ta’ Awwissu 2010 (inserita a fol. 134 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikolu 214, 225, 226(1)(a), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikolu 15(1), 15(2)(3), 55 u fit-Tieni Skeda ta’ Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-11 ta’ Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fl-10 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ 01.25am fi Triq il-Wied tal-Imsida, B’Kara fejn l-imputat Jonathan Abela li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LEE 156 tal-marka Toyota Vitz u li kien gej mid-direzzjoni ta’ B’Kara sejjer lejn l-Imsida tilef il-kontroll tal-vettura u skiddja u spicca fil-kareggjata opposta, u cioe’ dik intiza sabiex jipprocedu vetturi sejrin fid-direzzjoni ta’ B’Kara fejn il-vettura tieghu laqtet hajt tal-gebel u mbaghad spiccat mahbuta f’sigra kbira tal-ficus li bl-impatt tqaxritilha l-qoxra esterna. Fil-hin tal-incident l-imputat kellu bhala front seat passenger lit-tfajla tieghu Danica Azzopardi li bhala kawza tal-incident sofriet griehi ta’ natura gravi per durata.  Mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri mahtur fl-Inkjesta Magisterjali[1] u li n-nomina tieghu giet debitament konfermata f’dawn il-proceduri permezz ta’ digriet tas-6 ta’ Frar 2009, jirrizulta li Danica Azzopardi kienet f’kundizzjoni medika kritika meta ttiehdet l-Isptar immedjatament wara l-incident u li hija sofriet griehi f’rasha (brain injury). F’dawn il-proceduri xehdu diversi tobba u professjonisti ohra fis-settur mediku li taw kura lil Danika Azzopardi, fosthom il-konsulent tan-newrologija, Anthony Galea Debono li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta’ Gunju 2009 fejn huwa spjega li Azzopardi sofriet debilita’ permanenti bhala konsegwenza tal-incident fejn hija bdiet issofri minn problemi ta’ memorja u personality change u huwa kwantifika d-debilita’’ fil-grad ta’ 30%.[2]. Dr. Norbert Vella li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2010 ukoll spjega li Azzopardi sofriet minn debilita’ permanenti bhala konsegwenza tal-incident mertu ta’ din il-kawza u huwa kwantifika il-persentagg ta’ dizabilita’ fil-grad ta’ 18%.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li l-incident awtomobilistiku de quo sehh ezatt qabel ma taqbad il-petrol station maghrufa

[1] Rapport relattiv inserit a fol.  24 et sequitur tal-Process Verbal inserit aa fol. 12 tal-atti processwali
[2] Ara certifikat mediku nserit a fol.  54 sa 56.

bhala ta' Pietru u li meta l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura, l-vettura gibdet lejn il-lemin, qasmet iz-zewg kareggjati u habtet maz-zokk tas-sigra li hemm fuq l-bankina ezatt quddiem l-petrol station imsemmija. Mir-rapport tal-espert mekkaniku Joseph Zammit[3] jirrizulta li ma kien hemm ebda fault tekniku jew mekkaniku fil-vettura li seta' kkontribwixxa sabiex l-imputat jitlef il-kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq. Jirrizulta wkoll li l-vettura garbet hsarat tant estensivi li kienet beyond economical repair fejn il-hsara principali kienet fil-gemb tan-naha tax-xellug izda s-sistema tat-tyres, steering u brakes kollha kienu ghadhom shah u funzjonabbli. Jidher ukoll li t-triq fejn sehh l-incident kienet imdawla bi street lights u li fil-hin tal-incident it-triq kienet xotta.

Illi mir-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg[4] jirrizulta s-segwenti:-

***"Illi meta l-esponent ezamina x-xhieda moghtija kemm mis-sewwieq u anki mix-xhieda irrizulta li Abela kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita ta' mija tnejn u tlettin (132) mil fis-siegha. Illi meta kien qed idur il-liewa u ma setghax jikkontrolla din il-liewa b'konsegwenza li tilef il-kontroll u baqa' diehel fis-sigra. Gie stabbilit ukoll li l-impatt kien ta' disa u ghoxrin (29) mil-fis-siegha. Irrizulta li Danica Azzopardi wegghet mhux bid-daqqa innifisha li soffriet il-vettura biss izda bid-deceleration kbira li ghamlet il-vettura f'daqqa. Dan il-fatt huwa ippruvat xjentifikament illi meta jkun hemm decelaration qawwija f'distanza relativament qasira ikun hemm traumatic brain injury."***

Mill-istess rapport jirrizulta wkoll li fejn allegatament sehh l-incident huwa imdawwar bil-bini. Sezzjoni mija seba' u ghoxrin (127) tal-Motor Vehicle Regulations jghid li l-velocita' ta' vettura misjuqa go nhawi bhal dawn m'ghandiex teccedi l-velocita ta' 60 km/h. Minn dan ir-

[3] Rapport relattiv inserit a fol. 60 et sequitur tal-Process Verbal inserit a fol. 12 tal-atti processwali.
[4] Rapport relattiv inserit a fol. 84 tal-Process Verbal.

rapport jidher wkoll li fil-hin tal-incident il-passiggiera Danica Azzopardi ma kinitx liebsa seat belt.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2011 fejn huwa kkonferma dak li kien qal meta xehed quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali, il-Perit Richard Aquilina, [5] A tempo vergine fil-fatt l-imputat Jonathan Abela qal li dakinhar tal-incident huwa kien hareg mat-tfajla tieghu Danica Azzopardi ghall-habta tad-9.30pm u huma marru gewwa 31 Bar, fi Triq  Ganu, B'Kara u sussegwentement huwa telaq minn dan il-post flimkien ma Danica u kien qed isuq fi triq il-Wied B'Kara sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida. Huwa xehed li malli kien niezel minn Triq il-Wied ra dawl gej minn quddiemu, sema' t-tfajla tghajjat u gibed lejn il-lemin u habat.  Huwa ma kienx f'posizzjoni jispjega il-ghala meta ra d-dawl quddiemu gibed lejn il-lemin u mhux lejn ix-xellug. Il-front seat passenger u t-tfajla tal-imputat Danica Azzopardi xehdet f'dawn il-proceduri f'zewg okkazzjonijiet, l-ewwel darba in ezami waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu 2009 u t-tieni darba in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju 2011. Meta xehdet l-ewwel darba Danica Azzopardi qalet li kienet front seat passenger fil-vettura misjuqa mill-imputat u li kull ma kienet tiftakar kien li kienu ghaddejjin minn Triq il-Wied, sejrin lejn l-Imsida meta habtu f'sigra. Hija qalet li sa fejn tiftakar hi huma kienu ghaddejjin fuq in-naha tal-lemin tat-triq u qalet ukoll li ma kienet tiftakar xejn aktar dwar dak li kien gara. Meta xehdet it-tieni darba hija ftakret li rat dawl qawwi gej minn faccata izda l-ewwel qalet li dan id-dawl kien gej min-naha l-ohra tat-triq u mbaghad regghat bidlet il-verzjoni u qalet li kien gej minn faccata izda fuq l-istess karreggjata taghhom.  Hija qalet li dan id-dawl ratu tul ta' vettura l-boghod minnhom.

Ikkunsidrat:

[5] Traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 46 tal-atti processwali.

Illi wara li ezaminat il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba sewqan perikoluz u negligenti da parti tal-imputat li kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita' tant eccessiva li meta wasal fil-liwja tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, rikeb il-bankina u dahal f'sigra li kien hemm fuq il-bankina. Il-velocita' li kien qed isuq biha tirrizulta mill-kalkoli xjentifici maghmula mill-espert tat-traffiku Mario Buttigieg u li gew indikati aktar il-fuq izda tirrizulta wkoll mill-impatt qawwi li kellha l-vettura mas-sigra u mill-hsarat estensivi li sofriet il-vettura misjuqa mill-imputat. Il-Qorti jidrilha li l-istorja tad-dawl qawwi mmoghtija mill-imputat ma tantx tista' titwemmen u li din hija biss skuza sabiex tigi evitata r-responsabilita' ghall-incident. Irid jigi osservat li meta xehdet l-ewwel darba Danica Azzopardi ma semmiet xejn dwar dan id-dawl qawwi li kien gej minn faccata u kien biss meta xehdet in kontro-ezami u fi stadju meta hija kienet diga' rceviet settlement tad-danni minghand l-assikurazzjoni tal-imputat li hija mbaghad semmiet dan id-dawl qawwi u fi kwalunkwe kaz hija ma tantx kienet kredibbli ghaliex l-ewwel qalet li d-dawl kien gej min-naha l-ohra tat-triq izda mbaghad ikkoregiet ruhha u qalet li kien gej mill-istess kareggjata taghhom. Il-Qorti jidrilha li anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaccetta din it-tezi tad-dawl gej mid-direzzjoni opposta xorta wahda l-imputat jista' jitqies responsabbli ghall-akkadut u dan ghaliex sewwieq prudenti li qed isuq b'velocita' normali u moderata jekk verament jara dawl gej fuq l-istess kareggjata tieghu minn faccata jigbed lejn ix-xellug u mhux lejn il-lemin, kif isostni li ghamel l-imputat li jghid li gibed ghall-karreggjata minn fejn ikunu gejjin vetturi qed jinstaqu fid-direzzjoni opposta u dan fi triq traffikuza bhal ma hija Triq il-Wied.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-incident de quo sehh unikament minhabba sewqan perikoluz, traskurat u velocita' eccessiva da parti tal-imputat u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata huwa ghandu relazzjoni stabbli mal-parti leza u l-fatt li din tal-ahhar giet imhallsa mis-socjeta’ assikuratrici tal-imputat ghad-danni minnha sofferti bhala konsegwenza tad-debilita’ permanenti lilha kagunata fl-incident de quo u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidriha li piena pekunjarja u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ikunu l-akrar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat in-Nota ta’ Rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta’ Awwissu 2010 u senjatament l-Artikoli 225, 226(1a), 214 u 218 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1)(2) (3) u 55 u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elfejn Ewro (€2,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta’ tlett (3) xhur millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elfejn, mija u tmienja u ghoxrin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€2128.26) liema ammont jirrraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------